MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 1044/2000/1

**Jacqueline Grech**

**v.**

**Emad Mohamed Ali Idris**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici, li in forza taghha wara li ppremettiet illi:

Peress illi l-kontendenti zzewgu f'Malta fis-17 ta' April tas-sena 1998 fir-Registru Pubbliku u minn dan iz-zwieg kellhom tifla li jisimha Donna li twieldet fis-17 ta' Novembru 1998;

U peress illi l-konvenut irrenda ruhu ta' sevizzi, eccessi, theddid u ngurja gravi kontra l-attrici, u peress illi z-zwieg tkisser irrimedjabblment u ghalhekk il-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli;

U peress illi ghalhekk l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni tas-Sekond Awla sabiex tipprocedi f'din l-istanza b'digriet numru 509/2000 tal-11 ta' April 2000 (Dok. 'A') u peress illi s'issa kull tentattiv ghal separazzjoni konsenswali falla;

U peress illi l-attrici trid tissepara minn zewgha l-konvenut u tinghata l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri u li tigi xolta, diviza u likwidata l-komunjoni ta' l-akkwsiti ta' bejniethom u li zewgha jivversalha alimenti partikolarment ghat-tifla minuri;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi:-

1. M'ghandhiex din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejnha Jacqueline Grech u bejn zewgha l-konvenut Emad Mohamed Ali Idris ghar-ragunijiet imputabbli ghall-istess konvenut, u senjatament: sevizzi, eccessi, theddid u ngurji gravi kontra l-attrici u, in subsidum, ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment;
2. M'ghandhiex il-kura u l-kustodja tat-tifla minuri Donna tigi fdata f'idejn l-attrici ommha, b'dak id-dritt ta' access li jigi ffissat favur il-konvenut missierhom;

3. M'ghandux il-konvenut jigi kkundannat li jhallas lill-attrici Jacqueline Grech dawk l-alimenti xierqa ghaliha u ghat-tifla minuri fuq imsemmija, bil-modalitajiet ta' zmien u lok li jigu ffissati minn din il-Qorti;

4. M'ghandhiex din il-Qorti tiffissa d-data li minnha jinghata lok ghas-separazzjoni bejn il-kontendenti;

5. M’ghandhiex il-komunjoni ta’ l-akkwisti gia` ezistenti bejn il-kontendenti, tigi xolta, likwidata u diviza u assenjata lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti kif ikun xieraq skond il-ligi;

6. Ghaliex il-konvenut m’ghandux jigi ritenut li ddekada minn dawk id-drittijiet tieghu kif kontemplat fl-Artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili, skond ma jirrizulta li jkun applikabbli ghall-kaz;

7. Ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex taghti kull provvediment iehor skond ir-rizultanzi, partikolarment dwar l-eskluzjoni mill-uzu u tgawdija tad-dar konjugali jekk u meta dan ikun xieraq fic-cirkostanzi.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond Awla tal-Qorti Civili, kontra l-konvenut li jibqa’ ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni;

Rat li l-konvenut debitament notifikat bl-att tac-citazzjoni, ghazel li jibqa’ kontumaci;

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fil-21 ta’ Gunju, 2006, li in forza taghha iddecidiet il-kawza bil-mod segwenti:
“[1] Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet fuq indikati, imputabbli esklussivament lill-konvenut; u dan mid-data li dan il-gudizzju jsir defenittiv;

“[2] Tafda l-kura u kustodja tat-tifla minuri lill-attrici, bid-dritt ta’ access ghall-missier kif fuq indikat;

“[3] Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ hamsa u tletin lira Maltin [Lm35] fil-gimgha, rapprezentanti Lm20 manteniment ghaliha u Lm15 manteniment ghat-tifla minuri; u fil-kaz li l-konvenut ikun qed jghix fuq il-beneficju socjali huwa ghandu, minflok, jivversa nofs l-ammont percepit minnu lill-attrici bhala manteniment ghaliha u ghat-tifla minuri;

“[4] Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti li tikkonsisti fil-fond fuq indikat inkluzi l-oggetti ta’ go fiha; u tordna li

dan il-fond, flimkien ma’ l-oggetti li jinsabu fih, jinbieghu fuq is-suq liberu fi zmien sentejn, wara liema perijodu ghandu jinbiegh bis-subbasta, jekk il-partijiet ma jiftehmux mod iehor.

“Mir-rikavat tal-bejgh ghandu jitnaqqas il-bilanc kollu li ghad fadal mid-dejn gravanti l-istess fond, u sussegwentement il-kumplament tal-prezz jigi diviz bejn zewg porzjonijiet sabiex porzjon tinghata lill-attrici, u l-porzjon l-ohra tinghata lill-konvenut wara li minn sehemu titnaqqas is-somma ta’ sitt elef u ghoxrin lira Maltin [Lm6,020] kif fuq indikat u li ghandha tigi versata lill-attrici;

“Tinnomina lin-Nutar Dottoressa Sylvana Borg Caruana sabiex tircievi l-att opportun, u lill-Avukatessa Dottor Charmaine Zammit sabiex tidher ghall-eventwali kontumaci;

[5] Tapplika in toto fil-konfront tal-konvenut id-dispost ta’ l-Artikoli 48 u 51 tal-Kap.16;

[6] Tawtorizza lill-attrici tghix fid-dar konjugali mat-tifla taghha, ad eskluzjoni tal-konvenut, u dan sakemm tinbiegh l-istess dar.

“L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.”

Dik il-Qorti tat id-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeghda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja ta’ separazzjoni personali minn ma’ zewgha l-konvenut, ghar-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 40 tal-Kap.16 u imputabbli esklussivament lill-istess konvenut. Kif ukoll sabiex il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

“**Separazzjoni Personali**

“Mill-provi rrizulta fis-17 ta’ April 1998 l-attrici zzewwget lill-konvenut li huwa ta’ nazzjonalita` Egizzjana, meta kellha diga` xaharejn tqala bit-tarbija taghhom li eventwalment twieldet fis-17 ta’ Novembru 1998. Ftit

wara t-twelid tat-tarbija, il-konvenut biddel l-attitudini tieghu fil-konfront ta’ l-attrici u, apparti milli kien ihalliha nieqsa mill-flus tant li kien ikollha tirrikorri ghal ghand il-genituri taghha ghall-manteniment ghaliha u ghal binthom, huwa kien jheddidha, kien aggressiv maghha u anke vjolenti, tant li l-attrici kellha titlaq mid-dar konjugali minhabba vjolenza domestika u tfittex refugju, ghaliha u ghal bintha, fid-diversi homes li hawn appositament fil-pajjiz. Dan gie wkoll konfermat mis-social worker.

“Illi f’dan il-kaz il-Qorti tirravviza eccessi, sevizzi, theddid u offizi gravi da parti tal-konvenut fil-konfront ta’ l-attrici, b’mod li z-zwieg ta’ bejniethom tkisser irrevokabbilment. Ghaldaqstant l-ewwel talba hija sostnuta mill-provi u ghandha tigi milqugha.

“**Kura u Kustodja**

“Illi permezz ta’ digriet pendente lite moghti fil-11 ta’ April 2000 mill-Onorabbli Sekond Awla tal-Qorti Civili l-kura u kustodja tat-tifla minuri Donna kienet giet fdata f’idejn l-attrici, bid-dritt ta’ access ghall-missier skond kif jifthemu l-partijiet bejniethom.

“Mill-provi rrizulta li mit-twelid tat-tarbija sallum kienet l-attrici li dejjem hadet hsieb u rabbiet lit-tifla minuri, nonostante li l-attrici kellha tirrikorri flimkien mat-tarbija go diversi homes li joffru kenn lin-nisa msawwta, u nonostante li l-konvenut ma kien jivversa ebda manteniment lill-attrici la ghaliha u lanqas ghat-tifla. Ghaldaqstant ghandu jirrizulta car li fl-interess tal-minuri l-kura u kustodja tat-tifla ghandha tibqa’ f’ idejn l-attrici; bi dritt ta’ access ghall-missier darbtejn fil-gimgha fil-bini ta’ l-Agenzija Appogg, ghal siegha u taht supervizjoni a spejjez tieghu.

“**Manteniment**

“Illi fid-digriet precitat il-Qorti kienet ordnat li pendente lite l-konvenut kellu jhallas lill-attrici s-somma ta’ Lm35 fil-gimgha rapprezentanti Lm20 manteniment ghall-attrici u Lm15 manteniment ghall-minuri; u wkoll li l-konvenut kellu

jibqa' jhallas id-dejn li kien ghad baqa' fuq id-dar matrimonjali.

"Mill-provi jirrizulta li huwa baqa' inadempjenti f'dan ir-rigward u, in vjolazzjoni ta' l-ordni tal-Qorti naqas li jivversa l-manteniment stabbilit kif ukoll li jhallas id-dejn tad-dar li kien ghadu ezistenti mal-Bank HSBC. Rizultat ta' dan l-attrici kien ikollha tirrikorri ghand il-genituri taghha ghal assistenza finanzjarja; u anke kellha thallas is-somma ta' Lm400 parti mid-dejn tad-dar sabiex tipprevjeni proceduri gudizzjara f'dan ir-rigward. Dejjem bl-ghajnuna tal-genituri taghha. L-attrici kellha wkoll thallas is-somma ta' Lm80.22 bilanc ta' kontijiet tat-telefon installat fid-dar matrimonjali u li ma kienx gie mhallas mill-konvenut nonostante li f'dak iz-zmien kien jghix hemm hu biss.

"Illi minn ittra datata 23 ta' Settembru 2003 [fol.85] jirrizulta li l-konvenut kien telaq minn Malta f'Mejju 2003 u ma rrapportax izjed ghax-xoghol, u ghalhekk il-kumpanija Camray Contractors Limited, fejn kien jahdem, itterminatlu l-impieg tieghu mit-13 ta' Settembru 2003.

"Dan premess u kkunsidrat il-Qorti tirrileva li l-attrici ghandha kreditu fil-konfront tal-konvenut ammontanti ghal Lm6,020: rapprezentanti Lm5,740 arretrat ta' manteniment dovut minnu mill-11 ta' April 2000 sat-13 ta' Settembru 2003, Lm80 kont tat-telefon imhallas minnha ghal konsum maghmul mill-konvenut, u Lm200 s-sehem tal-konvenut ta' parti mid-dejn fuq id-dar konjugali li kellu jithallas ukoll mill-attrici. Dan l-ammont globali ghandu jitnaqqas mis-sehem tal-konvenut mir-rikavat tal-bejgh tad-dar.

"**Dar Matrimonjali**

"Illi din hija appartament sitwat fil-Hamrun gewwa Usage Buildings, appartament numru 4 St. Vincent Street, u li gie akkwistat miz-zewg partijiet waqt iz-zwieg kif nirrizulta mill-kuntratt ta' self u bejgh esebit, datat 14 ta' Jannar 1999 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Gafa', u li skond l-espert gudizzjarju l-Perit Mario Cassar fil-prezent ghandu valur ta' LM12,000.

“Illi fuq dan il-fond ghad hemm bilanc ta’ dejn li ghadu dovut. Fil-fehma tal-Qorti, stante li l-fond huwa taz-zewg partijiet id-dejn dovut ghandu jigi sopporatat bejn it-tnejn; u ghalhekk ghandu jitnaqqas mir-rikavat tal-prezz tal-bejgh tal-fond, qabel ma’ l-istess rikavat jigi diviz u assenjat.”

Rat ir-rikors ta’ l-appell tal-konvenut Emad Mohamed Ali Idris;

Rat ir-risposta ta’ l-attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lill-appellant u d-difensur ta’ l-appellata;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din hi kawza ta’ separazzjoni personali bejn il-partijiet li kienu zzewgu bir-rit civili fis-17 ta’ April, 1998. Il-kontendenti ghandhom tifla, Donna, li twieldet fis-17 ta’ Novembru 1998. L-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha, ipprovdiet ghas-separazzjoni personali rizultat ta’ eccessi, theddid u offizi gravi da parti tal-konvenut fil-konfront ta’ l-attrici, akkordat il-kura u l-kustodja tal-minuri lill-attrici bi dritt ta’ access ghall-missier darbtejn fil-gimgha, ordnat il-bejgh bis-subasta tal-fond matrimonjali fi Triq San Vincenz, Hamrun, bir-rikavat, wara li jithallsu d-djun gravanti l-istess fond, jinqasam ugwalment bejn il-partijiet, u ordnat lill-konvenut ihallas manteniment ta’ Lm35 fil-gimgha kwantu ghal Lm20 manteniment ghall-attrici, u Lm15 manteniment ghat-tifla minuri.

Il-konvenut qed jappella mis-sentenza fejn din ordnatu jhallas manteniment ghall-martu. Hu jallega li martu “notarjament” qed tghix ma’ ragel iehor u kwindi iddekadiet mill-jedd li tircievi manteniment.

Hemm, pero` zewg ostakoli fundamentali ghall-akkoljiment ta’ l-appell tal-konvenut.

Fl-ewwel lok, kif inghad il-konvenut hu kontumaci, u skond il-gurisprudenza ta’ dawn il-Qrati ghalkemm konvenut li jibqa’ kontumaci quddiem l-ewwel Qorti mhux prekluz milli jappella minn sentenza ta’ dik il-Qorti u sahansitra jittratta l-kawza, huwa ma jistax jissottometti aggravju fil-meritu qabel ma jiggustifika l-kontumacja tieghu ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti (ara “Vella v. Vella” deciza minn din il-Qorti fil-21 ta’ Mejju, 1993, “Zammit noe v. Agius”, deciza wkoll minn din il-Qorti fis-6 ta’ Gunju, 1994, u “Fenici Insurance Agency Ltd. v. Stones et, deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fit-22 ta’ Novembru, 2002).

F’dan il-kaz il-konvenut ma ressaq ebda raguni biex jipprova jiggustifika l-kontumacja tieghu.

Jigi rilevat li, wara li kien skada t-terminu originali ghall-prezentata tan-nota ta’ l-eccezzjonijiet, il-konvenut inghata terminu ulterjuri biex ikun jista’ jaghmel dan. Pero`, xorta wahda, ghal darb’ohra, naqas milli jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu. Inoltre, fi stadju finali tal-kawza, il-konvenut inghata l-opportunita` li jipprezenta nota bis-sottomissjonijiet tieghu, pero`, naqas milli jutilizza din l-opportunita` moghtija lilu. La darba ma jirrizultawx ragunijiet accettabbli u perswassivi bhala gustifikazzjoni ta’ l-istat kontumacjali tieghu quddiem l-ewwel Qorti, il-konvenut huwa prekluz milli jressaq aggravji fil-meritu.

Fit-tieni lok, huwa principju assodat li parti, fi stadju ta’ l-appell, ma tistax tqajjem materji li ma jirrizultawx mill-atti processwali u ma kienux jiffurmaw parti mill-kontroversja quddiem il-Qorti ta’ l-ewwel istanza. F’dan il-kaz, l-allegat adulterju ta’ l-attrici ma tresqitx ghall-konsiderazzjoni ta’ l-ewwel Onorabbli Qorti, u, fil-fatt, fl-atti m’hemmx prova ta’ dan. Il-Qorti trid toqghod biss fuq dak li jirrizultalha mill-atti tal-kawza u ma tistax timputa lil xi parti f’kawza stat partikolari meta m’hemm xejn fuq dan fil-provi.

Din il-Qorti tfakkar ukoll li, kif kien gie deciz minnha f’kawza deciza fis-26 ta’ Marzu, 1996, u dan fuq l-iskorta

tal-gurisprudenza lokali, "ir-ragel li jkun mifrud minn martu ma jistax jippretendi d-dekadenza ta' martu mid-dritt ghall-alimenti taghha kontra tieghu minghajr ma jaghmel ebda kawza ta' separazzjoni personali fuq kawzali ta' adulterju, li kienet eskluza mill-motivi ta' separazzjoni u ssopravveniet wara". F'din il-kawza, ma tressqet ebda kawzali ta' adulterju, u l-konvenut allura ma jistax iwaqqaf l-obbligu ta' manteniment lejn martu.

Quddiem din il-Qorti, il-konvenut ilmenta li hu ilu xhur ma jara lil bintu. Fis-sentenza taghha, pero`, l-ewwel Qorti ipprovdietu b'access regolari ghal bintu, u hi issa, responsabbilita` tieghu li jara li jezercita dak l-access kif ordnat il-Qorti. Jekk qed isib xi tfixkil minn martu, l-ordinament guridiku jipprovdi mezzi kif dak li tordna Qorti jigi inforzat, u sta ghall-konvenut li jiehu dawk ir-rimedji opportuni biex ikun jista' jezercita l-access li pprovdietlu l-Qorti ta' l-ewwel istanza.

Ghaldaqstant, l-appell interpost mill-konvenut qed jigi michud bl-isejjez ikunu a karigu ta' l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------